MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1520/2005

**Gasan Mamo Insurance Limited C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Gatt u l-istess Charles Gatt ID No 502161M**

**Vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2005, fejn s-socjeta` attrici tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260.00), liema somma hija dovuta in kwantu ghas-somma ta' Lm235.00 lis-socjeta` assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur Charles Gatt rappresentanti danni li soffrew meta l-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JAE-124 fil-15 ta' Gunju 2004 gewwa l-Msida habat mal-vettura numru IAF-042 propjeta` Charles Gatt u ikkaguna danni f'din l-istess

vettura, liema vettura kienet assikurata taht polza ta' assikurazzjoni comprehensive mas-socjeta` attrici assikuratrici. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat. Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittri ufficcjali tad-19 ta' Ottubru 2004 u ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut u tal-parir LM15.00, bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tal-ewwel ittra ufficcjali u cioe mid-19 ta' Ottubru 2004.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal stante li ai termini tal-Att IX tas-sena 2004 skeda Nru 4, kawzi li jitrattaw incidenti tat-traffiku ghandhom jigu decizi b'Arbitragg u illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha skond illi fl-incident in kwistjoni il-konvenut ma kienx involut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal irid qabel xejn jissindika l-ewwel eccezzjoni sollevata fir-risposta tal-konvenut – ossia jekk dan il-kaz jaqghax u jinkwardawx ruhu fil-kompetenza tat-Tribunal.

Ikkunsidra :

Illi l-Avviz tat-Talba gie pprezentat fit-fl-14 ta' Lulju 2004.

Illi fl-1 ta' Awissu 2005 dahhlu fis-sehh ir-regolamenti tal-2005 dwar Emenda Ghar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Arbitragg, u li fost ohrajn kienu jistipulaw illi kull tilwima civili jew kummercjali li ma' tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn kollizzjoni bejn vetturi, ghandha tigi determinata b'Arbitragg.

Illi allura meta l-Avviz de quo gie ntavolat quddiem dan it-Tribunal, it-Tribunal kellu gurisdizzjoni illi jisma' dan il-kaz peress illi l-Avviz legali hawn fuq msemmi kien ghadu ma dahalx fis-sehh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, irid jiskarta din l-ewwel eccezzjoni u jghaddi sabiex jevalwa l-provi mressqa sabiex jezamina u jiddeciedi dwar il-mertu tal-kaz li ghandu quddiemu.

Illi din hija kawza dwar allegat incident li sehh bejn vettura tal-attur Charles Gatt li kienet parkeggjata u vettura ohra, dik tal-konvenut li allegatament laqtet il-vettura ta' l-imsemmi Charles Gatt waqt manuvra ta' reverse li kien qed jaghmel il-konvenut, kif allegatament rawha xi xhieda li kienu fil-vicinanzi. F'din il-pendenza, jirrizulta illi l-attur, sid il-vettura milquta, ma kienx fuq il-post, mentri l-konvenut jinsisti illi l-vettura kienet ipparkjata f'garage f'San Giljan.

Mill-analazi u l-apprezzament tal-provi kollha prodotti, dawk xhiedha u dawk dokumentali li jirrizultaw f'dan il-kaz, it-Tribunal seta` jikkostata s-segwenti :

1. Illi PS1575 Robert Fava spezzjona l-vettura JAE – 124 tal-konvenut xi granet wara l-allegat incident u sab *dent* u *scratches* fuq in-naha tal-lemin ta' wara tal-mudgaurd u fuq l-istess naha tal-bumper ta' wara.

It-Tribunal jinnota illi jirrizulta illi fil-police report tieghu, l-istess Surgent iddeskriva il-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut bhala "slight scratch on rear side bumper".

Illi pero`, waqt l-ezami tal-vetturi, s-Surgent ma setghax jikkostata l-gholi tal-hsara tal-vettura milquta IAF – 042 u dan peress illi Carmelo Gatt ma setghax jattendi fil-hin li kienet qed issir tali spezzjoni mill-Pulizija. Jikkonferma illi mieghu, zewg xhieda, Mary Johnson u Alison Aquilina, it-tnejn qalu li kienu raw il-vettura JAE – 124 tolqot il-vettura tal-attur Gatt.

2. Mir-rapport tal-Pulzija[1], jirrizulta illi l-hsara fuq il-vettura milquta, allura parkeggjata, IAF – 042, kienet fuq il-lemin, n-naha tal-mudguard ta' wara u l-bumper ta' wara.

[1] DOK RF 1 – Fol 15

3. Mary Johnson[2] tghid illi semghet hoss u harrget fil-gallarija fejn rat vettura Accent ipparkjata u vettura Peugeot tal-kulur maroon hdejha. Tghid illi l-Peugeot hareg bir-reverse u laqghat il-Hyundai fuq wara. Hi ma haditx in-numru tal-Peugeot, izda taf illi gara taghha, Alison Aquilina lehqet hadet in-numru.

4. Sid il-vettura milquta, l-attur Charles Gatt[3], ighid illi kienu Mary Johnson u Alison Aquilina li nfurmawh b'dak li kien gara u ghamel rapport. Jikkonferma illi fuq il-vettura tieghu kellu spray ta' kulur maroon u ighid illi urieh lill-Pulizija meta mar l-Ghassa.

It-Tribunal irid hawnekk jirrimarka illi dan il-fatt li xehed l-attur mhux annotat fir-rapport tal-Pulizija esebit.

Illi Charles Gatt jikkonferma illi l-hsara fuq il-vettura tieghu kienet fuq in-naha ta' wara tal-vettura n-naha tax-xufier, hdejn it-tank tal-petrol, mal-mudguard u l-bumper.

5. Alison Aquilina[4] tghid illi kienet fil-gallarija qed tpejjep sigarett meta semghet 'bum' u rat Peugeot 406 ta' kulur maroon li kienet laqtet vettura Hyundai. Tispjega illi l-Peugeot kienet gejja bir-reverse minn triq ohra li tizbokka fit-triq fejn kienet parkeggjata il-vettura Hyundai. Tghid illi kif rat illi l-Peugeot saqet il-quddiem, hija hadet in-numru taghha.

6. Illi in kwantu l-kwantum tad-danni riklamati, l-atturi esebew ricevuti fl-ammont ta' mitejn u erba` u erbghin Liri Maltin u seba` u ghoxrin centezmu (Lm244.27), rappresentanti in kwantu ghal Lm214.77 prezz tar-riparazzjonijiet u in kwantu ghal Lm29.50 kiri ta' vettura.[5]

[2] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 – Fol 19
[3] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 – Fol 21
[4] Seduta tal-10 ta' Jannar 2006 – Fol 28
[5] Fol 31 et seq

7. Il-konvenut Anthony Borg[6] cahad kull allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu mill-attur peress illi ighid illi l-vettura ilu ma juzha xi hames xhur u dak in-nhar kien banda ohra, appuntu l-Park Towers. Ighid illi nizzel il-vettura l-Ghassa u ma jafx illi sabulha daqqiet fuqha.

8. Xhud tal-konvenut, Ibrahim Haelin[7] xehed illi huwa l-Manager tal-Park Towers u ftakar illi fil-15 ta' Gunju 2004 il-konvenut kien l-ufficcju tieghu bejn is-1.00 u l-4.00p.m. Jiftakar ukoll illi dak in-nhar ircieva telefonata mill-konvenut li qallu li kien saru rapport dwaru (Borg) dwar incident b'vettura.

It-Tribunal ikkunsidra illi aktar minn kollox din il-vertenza trid tigi deciza billi jsir apprezzament tajjeb tal-fatti kollha prodotti u jara liema mill-verzjonijiet hija l-aktar verosimili.

Dwar il-verzjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx hemm, it-Tribunal irid qabel xejn jghid illi l-kredibilita` tal-konvenut kienet imminata aktar milli xejn mill-komportament u aktar u aktar mill-mod kif xehed l-unika xhud illi huwa ressaq sabiex suppost jikkorrabborah. It-Tribunal ftit jifhem u jista` jaccetta kif persuna illi ma zammx nota u ma jzommx diary jista`, sentejn u nofs wara l-allegat incident, izomm d-dettalji kollha f'mohhu biex jikkonvinci illi kien qieghed jaghti versjoni giusta. Il-kliem li qal l-istess xhud - "because I keep everything in my mind" – it-Tribunal ihoss illi kien kliem komdu li jinghad fic-cirkostanzi u ghad-domandi li bdew isirulu in kontro-ezami.

Hekk kif ma ghenitx fil-kredibilita` tat-tezi tal-konvenut l-istess deposizzjoni tieghu meta qal illi "l-karozza ilni ma nuzha xi hames (5) xhur". Dan ghaliex l-incident jirrizulta illi sehh sentejn (neqsin 20 jum ghal precizjoni) qabel id-data tad-deposizzjoni tieghu.

Minn naha l-ohra, li l-attur naqas li jmur l-Ghassa tal-Pulizija meta kien hekk mitlub jaghmel sabiex jigi kkostat l-gholi tal-vettura milquta u b'hekk isir tqabbil mal-marki li nstabu fuq il-vettura tal-konvenut, kien nuqqas serju da

[6] Seduta tal-5 ta' Gunju 2006 – Fol 39
[7] Seduta tal-14 ta' Novembru 2006 – Fol 43

parti tal-attur li ma ghenx u ma kkorrobborax mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghha – investigazzjoni fuq kollox li kienet qed issir sabiex tigi stabbilita` il-verita` u sabiex ikun processat rapport fuq kollox mressaq mill-istess attur.

It-Tribunal jissottolinea u jhoss id-dover illi jirrimarka illi ghandu dejjem ikun fl-interess ta' kull min jaghmel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva illi jikkoopera ma' l-istess Pulizija li tkun qed twettaq investigazzjoni fl-interess fuq kollox ta' min ghamel l-istess rapport. Hafna drabi huwa facli illi l-Pulizija Esekuttiva tigi ikkritikata ghan-nuqqasijiet taghha, imma mbaghad wiehed ibati biex jaccetta illi forsi l-Pulizija ma tkunx wasslet biex issolvi kaz minhabba nuqqasijiet attribwibbli mhux lill-istess Pulizija imma lil min ikun ressaq l-istess rapport.

U f'dan il-kaz partikolari, jirrizulta ampjament illi PS1575 ghamel xogholu sewwa u mexxa l-investigazzjonijiet tieghu sewwa, pero` sfortunatament ma sabx il-kooperazzjoni shiha ta' min in effetti ressaq ir-rapport, ossia l-attur.

It-Tribunal ghalhekk jiehu r-rapport tal-Pulizija u l-konkluzjonijiet ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ghall-finijiet tal-kaz odjern mhux bhala prova konkluzivva, izda hemm rizultanzi f'dawk l-investigazzjonijiet li saru li jitfghu dawl siewi sabiex ighin lit-Tribunal jasal ghad-decizjoni tieghu.

Ghaliex maghdud max-xhieda moghtija minn zewg persuni indipendenti li ma kellhom ebda interess ghajr illi hadd ma jsofri konsegwenzi intortament, bhal ma huma Mary Johnson u Alison Aquilina, (li t-Tribunal ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jiddubita l-kredibilita` taghhom fid-deposizzjoni minnhom moghtija), it-Tribunal jikkunsidra ukoll illi rrizulta lill-Pulizija li l-vettura tal-konvenut kellha dent u scratches fl-istess post fejn din allegatament laqtet lill-vettura ta' l-attur. L-attur addirittura ighid illi kellu fuq il-vettura tieghu zebgha ta' lewn maroon fejn kellu d-daqqa, fatt pero` illi ghalkemm xehdu bil-gurament tieghu quddiem it-Tribunal, pero` jidhirx illi rrapportah lill-Pulizija.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi l-verzjoni tal-konvenut in difesa tal-kawza lilu maghmula ma hix sostenibbli u kredibbli u hemm wisq aktar provi li jindikaw illi t-tezi tal-attur, almenu fuq livell ta’ probabbilita`, hija wahda aktar verosimili.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi ezamina bir-reqqa kollha ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa` t-talbiet attrici b’dan illi jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260) skond it-talba kif maghmula.

Bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------